# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF MIRIAM HAYMAN**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Marzu 2020**

**Numru 1**
**Rikors numru 489/13 MCH**

**Lawrence Grech, Joseph Magro, Leonard Camilleri, David Cassar, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Raymond Azzopardi, Charles Falzon u Philip Cauchi u Joseph Mangion**

**v.**

**Carmelo Pulis, Francesco sive Godwin Scerri u b'digriet tat-8 ta' Mejju 2019 l-avukat Dr Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud gew mahtura Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw l-eredi prezunt tad-defunt Francesco sive Godwin Scerri, Socjeta Missjunarja ta' San Pawl, Arcidjocesi ta' Malta, Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Prim Ministru Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol, Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Ministeru ghall-Familja u Solidarjeta Socjali**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tar-rikors guramentat li pprezentaw l-atturi fl-24 ta' Mejju 2013, u li jaqra hekk:

> "ILLI permezz ta' zewg sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) datati tlettax (13) ta' Novembru elfejn u tnax (2012) hawn annessi bhala dokumenti A u B gie deciz definittivament illi whud mir-

rikorrenti gew abbuzati sesswalment minn membri tal-kleru meta l-istess kienu qed jaqdu l-funzjoni pastorali taghhom kif diretti mill-awtoritajiet ekklesjatici.

“ILLI l-istess abbuz sehh meta l-istess rikorrenti kienu fdati f'idejn l-intimati Carmelo Pulis, Fr. Bonett [illum mejjet] u Francesco sive Godwin Scerri fi djar immexxija mis-Socjeta Missjunarja ta' San Pawl, taht il-kontroll u l-amministrazzjoni tal-intimata l-Arcidiocesi ta' Malta u l-Gvern Centrali tramite d-Direttur Generali fi hdan il-Ministeri tal-edukazzjoni u x-xoghol u ghall-familja u solidarjeta socjali.

“ILLI l-istituti fejn sehh l-abbuz kienu wkoll jaqaw taht ir-responsabbilita tal-intimati d-diretturi generali li kellhom obbligu li jirregolaw it-tmexxija u jassiguraw certu standards fi djar ghal tfal vulnerabbli.

“ILLI l-intimati jew uhud minnhom kienu konsapevoli u/jew kien id-dover taghhom li jkunu konsapevoli tal-fatt illi persuni minnhom inkarigati sabiex jindukraw, jghallmu u jikkustodixxu tfal residenti fid-djar imsemmija u apparti li ma ghamlu xejn biex iwaqqfu, jikkontrollaw jew jinvestigaw dak li kien inghad hallew lill-intimati Pulis, [Bonett] u Scerri f'kariga fejn kellhom kontroll fuq l-esponenti u konsegwentment iffacilitaw il-perpetrazzjoni tal-abbuz.

“ILLI meta r-rikorrenti kienu residenti fl-istituti li jaqaw taht il-gurisdizzjoni u kontroll tal-intimata l-Arcdjocesi ta' Malta sofrew abbuzi sesswali u psikologici li minn natura tal-istess abbuz hallihom affetwati negattivament fi zmien vulnerabbli ta' hajjithom u konsegwenzi psikici tul hajjithom.

“Illi kawza diretta ta' dan l-abbuz il-mittenti sofrew danni li qed jippreklудihom milli jghixu hajja normali minhabba debilita mentali kawza diretta ta' dak li sofrew.

“JGHIDU ghalhekk l-intimati jew min minnhom, ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi ma ghandiex din il-Qorti prevja kull dikjarazzjoni opportuna u necessarja fir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja:

“1. TIDDIKJARA illi kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza l-intimati jew minn minnhom, individwalment u/jew kolletivament, ikkawzaw u/jew kienu responsabbli ghall-abbuzi li sofrew ir-rikorrenti; u konsegwentement;

“2. TIDDIKJARA li l-esponenti sofrew danni fil-personalita taghhom, esponiethom ghall-esperjenzi negattivi liema esperjenzi kellhom effett negattiv permanenti fuq il-hajja normali li holqien ghandu dritt jaspira ghaliha;

“3. TILLIKIWIDA, jekk mehtieg bl-opra ta' perit nominandi, id-danni sofferti mill-esponenti separatament liema danni jikkonsistu inter alia f'telf ta' qliegh, danni emergenti u danni naxxenti mid-debbilta;

"4. TIKKUNDANNA lill-istess intimati jew min minnhom individwalment u/jew kolletivament inkluz jekk ikun il-kaz in solidum bejnithom ihallsu s-somma hekk likwidata.

"Bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Dicembru 2012, tal-ispejjez legali inkorsi mir-rikorrenti tul il-processi legali konnessi ma' dan bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali kontra l-intimati jew min minnhom li huma minn issa ingunti ghas-subbizzjoni".

Rat ir-risposta guramentata tal-Arcidjocesi ta' Malta li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi l-azzjoni attrici hija nulla, irrita u inammissibli stante li l-kawzali kif dedotti ma humiex univoci: infatti jirrizulta pienament li filwaqt illi, fir-rigward tal-ewwel zewg konvenuti, l-azzjoni hija wahda bazata fuq "dolus", l-azzjoni attrici rigwardanti l-konvenuti l-ohra hija bazata fuq "culpa".

"2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, ghal dak li hemm allegat kontra l-Arcidjocesi, dan hu preskritt bid-dekors ta' sentejn, skont l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

"3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, l-Arcidjocesi ta Malta mhijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

"4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, stante li fir-rigward tal-konvenuti Pulis u Scerri qed jigi allegat id-"dolus" mentri fir-rigward tal-konvenuti l-ohra qed jigi allegat biss il-"culpa", l-Arcidjocesi ta' Malta mhijiex responsabbli b'mod solidali mal-istess konvenuti Pulis u Scerri.

"5. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, stante li din l-azzjoni hija mibnija fuq allegat agir kriminali tal-konvenuti Pulis u Scerri, ir-responsabbilta fir-rigward tal-Arcidjocesi ta' Malta ghal dak lilha imputat qatt ma tista' tkun kollettiva.

"6. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, ghalkemm l-Arcidjocesi ghandha responsabbilta pastorali, ma ghandhiex responsabbilta individwali ghall-agir ta' xi membru taghha, kriminalment jew civilment sanzjonabbli.

"7. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-azzjoni civili hija indipendenti mill-azzjoni penali u ghalhekk f'din is-sede civili l-atti processwali penali u s-sentenza penali

ma jaghmlux stat u l-atturi jridu, jekk jidhrilhom, jipprovaw dak li qed jallegaw f'dawn l-atti.

"8. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, fil-meritu, u fil-konfront tal-Arcidjocesi, it-talbiet huma infondati fil-fatt, peress li l-Arcidjocesi mhux biss ma kinitx bl-ebda mod negligenti jew nonkuranti, imma dejjem mexxiet 'il quddiem l-interess ta' min l-aktar sfortunat".

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Generali fl-ufficcju tal-Prim Ministru, tad-Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol u tad-Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Ministeru ghall-Familja u Solidarjeta` Socjali li in forza taghha eccepew illi:

"1. Preliminarjament ma tezisiti l-ebda kariga ta' 'Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Prim Ministru', 'Direttur Generali fl-Ufficju tal-Ministru tal-Edukazzjoni u x-xoghol' u 'Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Ministeru ghall-Familja u Solidarjeta Socjali' u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

"2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, hadd mill-esponenti ma huwa l-legittimu kontradittur f'dina l-kawza stante li ma hemm l-ebda ness kawzali bejn l-abbuz li ghalih jirreferu r-rikorrenti u l-esponenti u ghalhekk l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

"3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu l-azzjoni attrici hija azzjoni ghar-rizarciment ta' danni l-azzjoni in konfront tal-esponenti hija preskritta bit-trapass ta' sentejn fit-termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

"4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda responsabbilita ma hi imputabbli fil-konfront tal-esponenti ghall-abbuzi mertu ta' dina l-kawza u ghalhekk it-talbiet attrici huma bla bazi guridika u fattwali;

"5. Illi rigward l-allegazzjoni tar-rikorrenti li djar tat-tfal li fihom kienu r-rikorrenti allegatament kienu taht il-kontroll u l-amministrazzjoni tal-Gvern Centrali, l-esponenti jissottomettu li d-djar tat-tfal ma jaqghux taht il-kontroll u l-amministrazzjoni tal-Gvern Centrali u ghalhekk l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti in konfront tal-esponenti huma totalment infondati;

“6. Illi rigward l-allegazzjoni li l-istituti fejn allegatament sehh l-abbuz kienu jaqghu taht ir-responsabbilita tal-esponenti u li l-esponenti kellhom obbligu li jirregolaw it-tmexxija u jassiguraw certu standards fi djar tat-tfal, l-esponenti jissottomettu li d-djar tat-tfal huma proprjeta u huma gestiti mid-diversi ordnijiet tal-Knisja u li jsegwi ghalhekk li l-ebda nuqqas ma jista' jigi attribwit lill-esponenti gjaladarba r-rikorrenti kienu volontarjament fdati f'idejn id-djar tat-tfal liema djar tat-tfal l-esponenti la jikkontrolla u lanqas jamministra;

“7. Illi rigward l-allegazzjoni li l-esponenti kellhom id-dover li jkunu konsapevoli tal-fatt li persuni minnhom inkarigati sabiex jindukraw, jghallmu u jikkustodixxu tfal residenti fid-djar ma ghamlu xejn biex iwaqqfu, jikkontrollaw jew jinvestigaw l-allegazzjonijiet u li iffacilitaw il-perpetrazzjoni tal-abbuz, l-esponenti jissottomettu li huma ma gew avvicinati bl-ebda rapport dwar abbuz fiz-zmien tal-perpetrazzjoni tal-abbuz u li l-persuni li kienu fdati bil-minuri kienu gew hekk fdati mill-ordni tal-Knisja. Isegwi ghalhekk l-esponenti ma jirrispondu ghall-ebda responsabbilita;

“8. Illi huwa manifest illi kull allegati danni sofferti mir-rikorrenti certament ma kienux il-konsegwenza ta' xi nuqqas da parti tal-esponenti u b'konsegwenza l-esponenti ma jistghux jigu misjuba responsabbli ghall-hlas ta' danni naxxenti minn abbuzi li sofrew ir-rikorrenti;”.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` Missjunarja ta’ San Pawl li in forza taghha eccepiet:

“1. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, fil-konfront tal-eccipjenti il-kawza ma setghetx tinfetah mill-atturi f'daqqa kontra l-konvenuti f'daqqa anke ghaliex kull allegat vittma jkollu storja u cirkostanzi u zmien partikolari li ma jkunux identici ghal dawk tal-atturi l-ohra. Ghalhekk id-danni allegatament rekati ma jistghux jigu meqjusa f'daqqa u huma distinti - anke ghaliex mhux naxxenti minn att wiehed u lanqas ma huma atti tal-istess natura legali. Ghalhekk ir-rikors guramentat kif impostat hu null anke ghaliex hu intiz biex jisvija lill-Onorabbli Qorti fir-ricerka ghall-verita billi jitfa’ f'daqqa, hafna atturi, jitfa’ f'daqqa wkoll hafna konvenuti b'kawzali diversi u jitfa’ f'daqqa hafna kazijiet li kollha huma distinti kemm legalment kif ukoll fattwalment u ghalhekk iridu jigi maghrbla taht il-lenti tal-gustizzja separatament.

“2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra ghal dak li jirrigwarda l-eccipjenti it-talbiet attrici huma kollha preskritti fil-konfront tal-atturi kollha u dan bil-preskrizzjoni tas-sentejn ai termini tal-art. 2153 tal-Kodici Civili.

“3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra l-eccipjenti mhux il-legittimi kontraditturi u dan ghal diversi ragunijiet differenti.

“4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra r-rikors guramentat hu null ghaliex l-atturi kollha (barra wiehed minnhom) naqsu milli jikkonfermaw ir-rikors taghhom bil-gurament meta l-fatti li wasslu ghall-allegati nuqqasijiet allegatament saru f'cirkostanzi, fi zminijiet u okkazjonijiet divergenti minn xulxin.

“5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra l-eccipjenti ma kienux parti fil-kawzi citati fir-rikors guramentat u l-eccipjenti la kellhom gharfien dwar, u la kellhom kontroll fuq, dak li l-allegati fawturi tar-reati indikati fis-sentenzi citati setghu wettqu. Dawk hatja tal-akkuzi fil-kawzi Kriminali ma kienux jirrispondu lill-eccipjenti ghal kull ghemil kriminali li setghu wettqu.

“6. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra l-eccipjenti ma jistghux jigu misjuba responsabbli ta' allegati danni ghall-ghemil li seta’ gie rnaghmul minn terzi persuni li huma adulti u li kienu qed jagixxu di moto proprio u mhux fuq istruzzjonijiet jew b'konnessjoni max-xoghol tal-eccipjenti.

“7. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-atturi ma sofrew ebda danni kif trid il-ligi.

“8. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra anke kieku ghal grazzja tal-argument l-eccipjenti kellhom xi percentwali ta' responsabbilta fid-danni allegatament subiti mill-atturi jew minn uhud minnhom, la darba huma ma seta’ qatt kellhom disinn wiehed mal-persuni misjuba hatja fil-proceduri kriminali, huma ma jistghux jigu misjuba responsabbli in solidum ma' dawk il-konvenuti l-ohra jew ma whud minnhom.

“9. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra anke kieku ghal grazzja tal-argument l-eccipjenti kellhom jigu indikati bhala responsabbli ta' xi nuqqas, zgur li tali nuqqas huwa f'percentwali hafna anqas minn dak tal-persuni li gew misjuba hatja fil-proceduri kriminali u ghalhekk id-danni li ghandhom jigu sopportati minnhom ghandu jkun ferm anqas u zgur mhux aktar minn tali percentwali.

“10. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, f'kull kaz id-danni li jistghu jigu akkordati huma dawk li jridu jigu pruvati u huma rikonoxxuti mill-ligi Maltija u li jridu jigu kalkolati u apporzjonati skont id-dettami tal-ligi Maltija.

“11. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, anke jekk l-atturi qed isofru minn xi forma ta' debilita mentali wiehed irid janalizza jekk tali debilita hijiex konnessa direttament mill-fatti allegati fir-rikors jew minn fatti li ipprecedew jew gew wara l-allegat abbuz.

> “12. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra jigi rilevat li minghajr ammissjoni ta' htija l-Knisja bona gratia offriet ghajnuna psikologika lill-atturi liema ghajnuna giet irrifjutata u ma gietx uzata”.

Rat li b’nota tat-2 ta’ Ottubru 2014, l-attur Noel Dimech ceda l-kawza fl-ismijiet premessi;

Rat li b’sentenza datata 23 ta’ Ottubru, 2014, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili cahdet talba ta’ Godwin Pulis u ta’ Francesco sive Godwin Scerri biex jiggustifikaw l-kontumacia taghhom:

Rat illi fid-dawl tas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta’ Marzu, 2017, l-Imhallef Joseph R. Micallef b’nota tat-8 ta’ Marzu, 2017, astjena milli jibqa’ jisma’ aktar din il-kawza li giet assenjata lill-Imhallef Anna Felice;

Rat li b’nota tat-23 ta’ Marzu, 2017, l-imsemmija Imallef Felice astjeniet milli tisma’ l-kawza li allura giet assenjata lill-Imhallef Mark Chetcuti;

Rat li, f’dan l-istadju, instemghu provi limitatament fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni tal-atturi;

Rat is-sentenza preliminari tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tat-23 ta’ April, 2018, li in forza taghha, b’riferenza ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, iddecidiet billi:

"filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti Socjeta Missjunarja ta' San Pawl, Arcidjocesi ta' Malta, Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol, u d-Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Ministeru ghall-Familja u Solidarjeta Socjali, in kwantu tiddikjara l-azzjoni attrici fil-konfront taghhom bhala preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, u ghalhekk qeghda tehles l-istess konvenuti mill-harsien tal-gudizzju fil-konfront tal-atturi.

"Spejjez ta' din is-sentenza preliminari jibqghu a karigu tal-atturi.

"Tordna li s-smigh tal-kawza jitkompla fil-konfront tal-konvenuti l-ohra Carmelo Pulis u Francesco sive Godwin Scerri".

Dik il-Qorti tat din is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi l-konvenuti kollha (ghajr ghal Carmelo Pulis u Francesco sive Godwin Scerri), invokaw favur taghhom fil-konfront tal-atturi kollha, l-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

"Tajjeb li jinghad mal-ewwel, illi l-preskrizzjoni hija mezz sabiex wiehed mhux biss jakkwista xi dritt, izda wkoll jista' jwassal ghall-estinzjoni tal-azzjoni meta l-attur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghaz-zmien li tghid il-ligi. Il-perjodu preskrittiv izda jista` jigi interrott jew sospiz u inoltrè meta dan ikun iddekorra jista' jkun hemm rinunzja, kemm espressa kif ukoll tacita, ghall-effetti ta' dik il-preskrizzjoni b'mod li d-dritt hekk mitluf jigi ravvivat. Ghalkemm il-prova tal-preskrizzjoni tispetta lill-konvenuti li nvokawha, a bazi tal-massima legali *incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, (min jallega jrid jipprova), minn naha l-ohra, f' kaz ta' kontestazzjoni fis-sens li jinghad li jezistu cirkostanzi li jservu biex jinterrompu l-perjodu preskrittiv, l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward, jirrisjedi fuq min ikun qed jallega dawn ic-cirkostanzi.

"Jigi osservat illi fil-kawza in ezami, permezz ta' nota datata 6 ta' Novembru, 2013, l-atturi spjegaw in-natura tat-talbiet taghhom fil-kawza fil-konfront tal-konvenuti, billi qalu li l-azzjoni taghhom tissejjes principalment fuq l-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili. L-istess atturi jelaboraw billi jinghad minnhom li, fil-kaz tal-konvenuti Pulis u Scerri, qeghdin jitolbu danni konsegwenza ta' *dolus* rizultat ta' abbuz sesswali, kif deciz permezz ta' zewg sentenzi finali tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' Novembru, 2012 (Dok. A a fol. 6 u Dok. B a fol. 63 tal-process). Filwaqt li, fil-kaz tas-Socjeta Missjunarja ta' San Pawl, qieghed jigi allegat li din kienet negligenti u li naqset mill-attenzjoni mehtiega, u mill-prudenza fil-grad rikjest mil-ligi, peress li Pulis u Scerri kienu qeghdin jaqdu l-funzjoni pastorali taghhom, fid-Dar ta' San

Guzepp, taht it-tmexxija u kontroll tal-istess socjeta konvenuta, bil-konsegwenza li giet ikkawzata hsara lill-atturi u ghalhekk jishqu li l-istess socjetà ghandha tirrispondi ghal tali hsara hekk ikkawzata. In kwantu l-konvenuta Arcidjocesi ta' Malta, kif immexxija mill-Monsinjur Arcisqof, ukoll jinghad li din naqset mill-prudenza u ma adoperatx il-grad rikjest fil-ligi, meta assenjat lill-wiehed mill-konvenuti sabiex jaghmel xoghol pastorali fid-Dar ta' San Guzepp, nonostante li x'aktarx kien maghruf lilha, l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-istess konvenut, mid-djocesi minn fejn intbaghat u dan meta hija responsabbli mill-assenjazzjoni tal-qassisin f'kull posizzjoni fid-djocesi. Fil-kaz tal-konvenuti l-ohra, Diretturi Generali fid-diversi Dipartimenti tal-Gvern, jinghad mill-atturi li fil-provvediment ta' finanzi u assistenza lis-Socjetà Missjunarja ta' San Pawl, kellhom l-obbligu li jezercitaw id-diligenza kollha mehtiega sabiex jigi evitat l-abbuz li soffrew l-atturi, li fil-fehma taghhom, dan ifisser diligenza xierqa li tinkludi passi sabiex jassiguraw l-osservanza tal-ligi.

"In tema legali, kif osservat minn din il-Qorti diversament preseduta, fis-sentenza taghha tal-14 ta' Gunju, 2001, fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Grech et vs Stefan Borg,** ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi taghraf tliet tipi ta' azzjoni ghad-danni:

"i. azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghemil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz, iz-zmien tal-preskrizzjoni huwa dak specifikat mil-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat;

"ii. azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt (*culpa aquiliana*), f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn (artikolu 2153 tal-Kodici Civili); u

"iii azzjoni ghall-hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' obbligazzjoni li ma tirrizultax minn att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin.

"Jibda billi jinghad li l-Qorti hija marbuta li tinvesti l-azzjoni attrici fil-parametri tal-kawzali u tat-talbiet maghmula, kif ukoll l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fil-parametri tal-linja difensjonali mressqa. Minn ezami tat-talbiet attrici huwa evidenti li l-azzjoni hija msejsa fuq il-*culpa aquiliana* mhux dik naxxenti minn relazzjoni kuntrattwali. Dana peress kif spjegat mill-istess atturi fin-nota taghhom meta ccitaw l-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili, bhala l-bazi tal-azzjoni taghhom, dawn jipprovdu li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu u li persuna titqies fi htija meta ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb ta' familja.

"Ghalkemm l-atturi fin-nota taghhom tas-6 ta' Novembru, 2013, jaghmlu referenza ghad-dispost tal-artikolu 2154 tal-Kodici Civili, din il-Qorti ma tqisx li t-talbiet tal-atturi kif impostati u sussegwentement spjegati fil-konfront tal-konvenuti kollha (apparti Pulis u Scerri), huma bbazati fuq agir li jikkostitwixxi reat. Dan qieghed jinghad mhux biss peress illi l-

konvenuti in kwistjoni[1] qatt ma gew imputati b'xi reat kriminali (apparti li entitajiet ma jistghux jigu akkuzati b'reat kriminali), izda peress li fil-fehma tal-Qorti, in-nuqqasijiet attribwiti lil dawn il-konvenuti huma kollha in sintezi bbazati fuq in-nuqqas ta' kura, negligenza jew *culpa.* Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-konvenuti gustament invokaw favur taghhom id-disposizzjoni tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, meta jishqu li l-azzjoni attrici fil-konfront taghhom, hija wahda ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat.

"Mill-provi in atti jirrizulta dokument esebit mill-Arcidjocesi ta' Malta (Dok. FX a fol. 469 tal-process), li permezz tieghu s-Socjeta Missjunarja ta' San Pawl assumiet l-obbligazzjoni ta' tmexxija tad-Dar ta' San Guzepp, ghan-nom tad-Djocesi ta' Malta. Il-qadi ta' din l-obbligazzjoni minnha nnifisha tista' twassal ghal preskrizzjoni itwal, izda ladarba l-azzjoni attrici mhix imsejsa fuq htija kuntrattwali, mela din il-Qorti hija prekluza milli tinvesti dan il-kuncett ulterjorment. Daqstant iehor is-socjeta konvenuta qatt ma eccepiet terminu ta' preskrizzjoni ulterjuri ghajr dak taht l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, kwindi din il-Qorti mhix ser tinvesti l-preskrizzjoni msemmija mill-istess socjeta konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha. Il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-konvenuti u ma tistax tqis preskrizzjoni ohra.

"Fil-fehma ta' whud mill-konvenuti, l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi, peress li ghaddew aktar minn sentejn minn meta l-atturi setghu ghamluha – il-kwezit li issa jrid jigi ndirizzat minn din il-Qorti.

"Tajjeb li wiehed izomm f'mohhu, li skont l-artikolu 2137 tal-Kodici Civili, dan jipprovdi li l-preskrizzjoni tal-azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss. Fis-sentenza hawn qabel citata saret referenza estensiva fuq dan il-principju meta nghad:

> "Dan il-principju huwa mibni fuq il-massima li actioni non natae non praescribitur. L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier jghallmu li:
>
> "Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere… (cfr. Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione Cap XII. Par 364 pag 279). Izjed 'il quddiem izidu jghidu illi "La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale" (op. Cit. Par 393bis, pag 306);
>
> "Illi gie stabilit ukoll li, ghall-finijiet tal-artikolu 2137, iz-zmien li fih l-azzjoni jmissha tinbeda titqies minn cirkostanzi oggettivi u mhux

[1] Is-Socjeta Missjunarja ta' San Pawl, l-Arcidjocesi ta' Malta, d-Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, d-Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol, u d-Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Ministeru ghall-Familja u Solidarjeta Socjali.

minn x'jahseb l-imgarrab, u li, certament, in nuqqas ta' gharfien tal-ligi m'huwiex raguni valida biex jinghad li l-azzjoni ma setghetx issir qabel [ara sentenza Prim'Awla tal-**25 t'April, 1964** fil-kawza fl-ismijiet Alfred Delia vs John Terstaferrata Abela (kollez. Vol: **XLVIII.ii.959**)];

"Illi, hu x'inhu l-ghajn tal-preskrizzjoni invokata mill-imharrek, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet ghaddejja, u l-eccezzjoni ghandha tigi michuda jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-process dik id-data ma tkunx tista' tigi stabilita [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-**5 t'April, 1993**, fil-kawza fl-ismijiet Victor Quintano vs Giorgina Calleja et];

"Applikati dawn il-principji ghall-fatti tal-kaz in ezami, kunsidrat li l-azzjoni attrici hija wahda ghall-hlas ta' hsarat, mhux kagunati b'reat, id-dritt ta' azzjoni jitnissel malli saret il-hsara u minn dak il-mument li l-azzjoni setghet tigi ezercitata.

"Meta din il-Qorti tqis li Lawrence Grech twieled fl-1972, Joseph Magro fl-1972, Leonard Camilleri fl-1977, David Cassar fl-1987, Angelo Spiteri fl-1978, Raymond Azzopardi fl-1978, Charles Falzon fl-1984, Philip Cauchi fl-1970 u Joseph Mangion fl-1973, kollha kemm huma lahqu l-età ta' tmintax-il sena bejn 1988 u 2005. Filwaqt li ma jidhirx li l-atturi Philip Cauchi u Joseph Mangion kienu ssemmew fil-proceduri kriminali li saru fil-konfront ta' Pulis u Scerri, peress li minn ezami tal-karti ta' l-identità ta' dawn iz-zewg atturi, fil-kaz ta' Joseph Mangion, jirrizulta li huwa ta' l-istess eta bhal uhud mill-atturi l-ohra, filwaqt li fil-kaz ta' Philip Cauchi, sahansitra jirrizulta akbar minnhom bi ftit snin, din il-Qorti ghall-finijiet tal-eccezzjoni in ezami, qeghda tehodha li dawn iz-zewg atturi kienu fl-istitut in kwistjoni, bejn wiehed u iehor fl-istess zmien bhal l-atturi l-ohra u ghalhekk qeghdin jalludu ghal episodji abusivi li setghu graw fl-istess zmien.

"Tajjeb li jigi nnutat ukoll li ghalkemm l-artikolu 2124(1) tal-Kodici Civili jghid illi l-preskrizzjoni ma timxix kontra l-minuri, madankollu, il-preskrizzjoni li fuqha qeghdin jistriehu l-konvenuti hija dik taht l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, u dwar dik il-preskrizzjoni, fost ohrajn, l-artikolu 2159 tal-Kodici Civili jghid hekk:

"Dawn il-preskrizzjonijiet jimxu kontra l-minuri u l-interdetti, bla hsara tal-jedd taghhom ta' regress kontra t-tuturi jew kuraturi.

"Il-preskrizzjonijiet imsemmija taht dan l-artikolu jirreferi ghall-preskrizzjonijiet partikolari taht l-artikoli 2147 sa 2157 tal-Kodici Civili, u ghalhekk jinkludi l-artikolu 2153, kwindi fi kwalunkwe kaz, din il-preskrizzjoni timxi wkoll kontra l-minuri.

"Minn ezami tal-imputazzjonijiet citati fis-sentenza tal-Appell Kriminali, li Pulis u Scerri kienu mixlija bihom, jirrizulta li l-agir abbusiv fil-konfront ta' l-atturi Lawrence Grech, Joseph Magro, Leonard Camilleri, David Cassar, Angelo Spiteri, Raymond Azzopardi u Charles Falzon, imur lura

ghall-perjodu ta' zmien bejn l-1986 u Lulju tas-sena 2003. Dan ifisser li minn l-ahhar episodju ta' abbuz li sehh f'Lulju 2003, sa ma saret l-ewwel ittra ufficjali da parti ta' xi whud mill-atturi, fis-6 ta' Dicembru, 2012, kienu ghaddew aktar minn disa' snin mill-akkadut, ferm aktar mill-perjodu preskrittiv ta' sentejn. Ghalhekk meta ntbaghat dan l-att gudizzjarju, kien lahaq ghadda zmien ben oltre s-sentejn mahsuba fl-artikolu tal-ligi in ezami.

"Madankollu, l-atturi, fin-nota taghhom tas-6 ta' Novembru, 2013, jghidu ukoll li a tenur tal-artikolu 2133 tal-Kodici Civili, kien hemm rikonoxximent u ghalhekk interruzzjoni ta' preskrizzjoni meta saru stqarrijiet pubblici ta' htija, mahfra u offerti ta' kumpens (mhux monetarju) min uhud mill-konvenuti f'diversi okkazzjonijiet. Stqarrijiet li jinghad mhumiex kompatibbli mal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u li jistonaw mad-dispost tal-artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-artikolu 2160 citat mill-atturi mhuwiex relevanti ladarba ma jaghmel ebda referenza ghall-artikolu 2153 invokat mill-konvenuti in kwistjoni. Minn ezami tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi huwa evidenti li huma qeghdin jistriehu proprju fuq ir-rinunzja tal-preskrizzjoni sabiex jeghlbu l-preskrizzjoni mqajjma minn uhud mill-konvenuti. Issa l-artikolu 2133 tal-Kodici Civili, nvokat mill-atturi fl-opposizzjoni taghhom ghall-eccezzjoni mressqa minn uhud mill-konvenuti, jghid hekk:

> "Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja.

"Ghalkemm huwa fatt li l-preskrizzjoni tista' tinkiser permezz ta' att gudizzjarju waqt li jkun ghaddej it-terminu tal-preskrizzjoni (u mhux wara li jkun lahaq ghadda t-terminu), minn naha l-ohra, wara li jkun ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, l-istess preskrizzjoni tista' tinkiser fejn ikun hemm l-gharfien tal-jedd. F'dan l-ahhar kaz, wiehed iktar jista' jsejjahlu rinunzja ghall-jedd li jinvoka favur tieghu l-preskrizzjoni. Fil-kaz li r-rikonoxximent isir wara li l-preskrizzjoni tkun gia kompjuta allura dan l-att da parti tad-debitur jgib mieghu rinunzja ghall-istess preskrizzjoni u din bhal fil-kaz ta' interruzzjoni tkun tista' terga' tibda miexja mill-gdid (Vol. XLVIIII.iii.1428). Indubbjament jezistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita tista' titqies rinunzjata jekk per ezempju, d-debitur b'att tieghu spontanju ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza jpoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa minnu.

"F'dan ir-rigward, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tad-9 ta' Frar, 2005, fil-kawza fl-ismijiet **Austin Psaila vs Lother Slabick**. jinghad hekk:

> "… r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament,

> il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas-successjoni jew f' forma ta' entrata fl-accounts;
>
> "Jinsab precizat ukoll, kemm fi-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b' mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;
>
> "Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi "iuxta allegata et probata". Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m' hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni." (**Kollez. Vol. XXX P I p 989**). Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu (**Kollez. Vol. XXXVIII P III p 723**);

"Hekk ukoll, l-istess Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-28 ta' April, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cassar noe vs Sunny Muscat,** inghad:

> "Ghall-precizazzjoni r-rikonoxximent ghall-iskop tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hi konfigurabbli mill-koezistenza ta' dawn ir-rekwiziti, jigifieri, (a) il-volontarjeta`; (b) ix-xjenza tad-debitu fil-konvenut; (c) l-inekwivocita` u (d) l-esternazzjoni tar-rikonoxximent permezz ta' dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt iehor li jimplika ammissjoni, ad exemplum, l-weghda tal-hlas, xi rikjesta biex jinghata dilazzjoni tal-pagament, u l-hlas akkont (**Kollez Vol XXIX pI p755**; **Vol XLIII pII p744**; "**Victor Calleja noe –vs- Nazzareno Vassallo et noe**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998). Naturalment l-indagini biex tigi stabbilita jekk certu fatt jew dikjarazzjoni jikkostitwixxiex rikonjizzjoni tad-dejn jirrientra fil-qafas tal-poter diskrezzjonali tal-gudikant. Diskrezzjoni li tibqa' insindakabbli jekk jirrizulta li din tkun nieqsa minn vizzji logici jew skorrettezzi tad-dritt.

"Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, mill-provi in atti jirrizulta, illi l-atturi qeghdin jibbazaw il-pretensjoni taghhom ta' rinunzja ghall-preskrizzjoni, da parti tal-konvenuta Arcidjocesi ta' Malta, fuq stqarrija mahruga mill-Ufficcju Komunikazzjoni taghha fit-3 ta' Awwissu, 2011 (Dok. KPA a fol. 256 tal-process), li fiha jinghad li l-Knisja f'Malta filwaqt li nnotat s-sentenza moghtija mill-Qorti, li biha zewg patrijiet instabu hatja ta' abbuz tat-tfal, waqt li dawn kienu qeghdin jinzammu f'dar tal-knisja, stqarret is-soghba taghha u talbet mahfra ghal dan l-abbuz lil dawk li sofrew l-abbuz. Jinghad ukoll li l-Arcisqof Pawlu Cremona kien bil-hsieb li jiltaqa' mal-vittmi biex jitlobhom din il-mahfra personalment.

Fix-xhieda tal-Eccellenza Tieghu Arcisqof Emeritu Monsinjur Pawl Cremona, jtenni li huwa personalment hass, li moralment kellu jitlob skuza ghal dak kollu li gara lil dawk il-vittmi li kienu abbuzati waqt li kienu f'istitut tal-Knisja. Jikkonferma li wara din l-istqarrija, huwa ltaqa' mal-vittmi u talab mahfra personalment ghal dak li gara f'istitut tal-knisja, li nghata f'idejn istituzzjoni, s-Socjetà Missjunarja ta' San Pawl, konvenuta wkoll f'dawn il-proceduri.

"Xehed ukoll Dun Frank Cini, in rapprezentanza tas-Socjeta Missjunarja ta' San Pawl (MSSP). Ix-xhud jikkonferma li ghalkemm bhala socjeta, huma qatt ma hargu xi stqarrija f'isimhom, izda giet ikkonsultata mill-Kurja dwar il-kontenut tal-istess ittra hawn qabel imsemmija, u approvat il-kontenut tal-istess ittra. Jispjega li ghaddew minn mument ta' xokk kbir wara li nghatat is-sentenza tal-Qorti Kriminali u hassew il-htiega li jirrelataw mal-pubbliku, u jesprimu s-sentimenti taghhom, peress li anke huma bhala membri tas-socjeta hassew soghba, dispjacir u dizappunt ghal dak li gara. Ghalhekk hassew il-htiega li juru s-soghba taghhom, fuq livell morali, kemm mal-vittmi, kif ukoll mal-pubbliku Malti. Jispjega wkoll li huma, bhala socjeta ta' dritt puntificju, ifisser li huma ndipendenti mid-djocesi f'livell ta' amministrazzjoni, ghalkemm jobdu l-policies tad-djocesi fil-materji kollha li huma ta' natura pastorali. Fil-kaz tad-dar ta' San Guzepp, jinghad ukoll li din id-dar hija effettivament proprjeta tad-djocesi, izda amministrat minnhom bhala socjeta.

"L-Eccellenza Monsinjur Arcisqof Charles Scicluna xehed li fil-kariga tieghu precedenti bhala promotur tal-gustizzja tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi, kellu rwol ta' Avukat Prosekutur, f'dak li ghandhom x'jaqsmu numru ta' offizi u delitti, fosthom abbuzi sesswali kontra minuri minn klerici, djakni, sacerdoti jew isqfijiet. Jispjega li tradizzjonalment, fil-Kamp Kanonistiku, d-delitti ma kenux soggetti ghall-preskrizzjoni. Fl-2001, giet imposta ghal dawn id-delitti, hekk imsejha *delicta graviola,* il-preskrizzjoni ta' ghaxar snin. Sussegwentement, f'Novembru, 2002, dahlet il-possibilita li jkun hemm deroga kaz kaz mill-preskrizzjoni. Filwaqt li llum-il gurnata, l-preskrizzjoni hija ta' ghoxrin sena, minn meta l-vittma taghlaq it-tmintax-il sena, li fil-fehma tieghu taghti cans li ssir gustizzja. Jikkoncedi li huwa gieli esprima ruhu favur ir-regola tradizzjonali fil-Kamp Kanonistiku, li peress li si tratta ta' delitti gravi, dawn ma ghandhomx ikun soggetti ghall-preskrizzjoni. Izda jishaq li fejn tidhol il-kwistjoni ta' danni civili, l-principju dejjem kien li tigi mharsa u rispettata l-ligi tal-istat lokali fejn ikun sehh id-delitt u ta' fejn ikunu l-vittmi. Mistoqsi jekk jafx b'kazijiet fejn kien hemm kundanna ghall-hlas ta' kumpens, jirrispondi illi huwa jaf b'kaz wiehed, fejn a bazi tal-principju kanoniku li min jaghmel il-hsara, jhallas ghaliha bil-principju ta' responsabbilita personali, t-Tribunal tas-Santa Sede ordnat lill-persuna thallas personalment ghall-hsara li ghamlet.

"Mistoqsi dwar l-istqarrija mahruga mill-Ufficcju Komunikazzjoni tal-Arcidjocesi ta' Malta fl-2011, jghid li huwa ma kellux rwol f'din l-istqarrija u li din l-espressjoni ta' soghba kienet sentiment personali tal-Arcisqof

Cremona li jirrispondi ghaliha l-predecessur tieghu. Jikkonferma li ghalkemm id-Dar ta' San Guzepp hija proprjeta tal-Arcidjocesi, a bazi ta' ftehim (ara Dok. FX a fol. 469 tal-process), is-servizzi gew fdati lis-Socjeta Missjunarja ta' San Pawl, istitut religjuz, bi stat klerikali rikonoxxuta mis-Santa Sede u ma' taqax taht l-Arcisqof. Huwa stqarr li ma kienx involut fl-investigazzjoni tal-Knisja lokali, li fil-fehma tieghu hadet zmien eccessiv, izda bhala promotur tal-gustizzja tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi, ghamel investigazzjoni parallela fejn huwa ltaqa' mal-vittmi u jghid li ma rrizultalu ebda motiv li ma jemminhomx. Mistoqsi jekk illum il-gurnata bhala Kap tal-Knisja ta' Malta ghadux ta' l-istess fehma ta' meta kien jirraprezenta s-Santa Sede, ix-xhud jikkonferma l-validita tal-istqarrijiet maghmula, in kwantu dak li sar huwa hazin u huwa kundanabbli, izda "*bl-ebda mod ma jintakkaw il-mertu tal-kaz u lanqas il-kwistjoni tal-preskrizzjoni.*"

"Hekk ukoll jikkonferma l-istqarrija tieghu: "*I have encouraged their lawyer Patrick Valentino to ask for damages in the Civil Courts. I think they have every right, but the Church in Malta should be pro-active to help them psychologically and if need be financially. The Curia would do well to create a Victim Solidarity Fund which would go beyond the strict demands of damages law, both in Civil and Canon Law."* Jispjega l-fehma tieghu li meta tkellem favur l-inizjattiva tal-Knisja li tkun pro-attiva, billi toffri servizzi ta' terapija li jmorru lil hinn mill-mertu ta' gustizzja Civili u Kanonistici, (fejn id-danni huma ta' natura personali), mentri l-Knisja qeghda tghin mhux ghaliex hija tenuta li thallas danni ghal xi haga li hija m'ghamlitx, izda bhala Knisja ghandha d-dover li tghin lill-bniedem li qieghed ibati u dan b'karita, xi haga li fil-fehma tieghu tmur lil hinn mill-gustizzja. Jispjega wkoll li meta huwa nkoragixxa lill-avukat tal-vittmi jfittex ghad-danni, dan dejjem fuq il-principju tal-Kanone 128 tar-responsabbilità personali ta' min ghamel id-dannu, ghandu jhallas. Fil-fehma tieghu l-Knisja mhix tenuta thallas id-danni izda ghandha d-dover ta' karità li tghin lil min hu fil-bzonn u dak li ried ifisser meta qal li l-Knisja ghandha tkun pro-attiva. Jinsisti li hemm grupp ta' Psikologi li huma a disposizzjoni ta' min jitlob l-ghajnuna.

"In kontro-ezami, jispjega li l-Kanone citat minnu jipprovdi li kull min b'att illegittimu jew bi kwalunkwe att iehor jirreka dannu, bi frodi, dolus jew b'negligenza lil xi hadd, huwa obbligat li jaghmel tajjeb ghad-danni. Filwaqt li jirreferi wkoll ghar-regola juris 79 li jghid li delitt li jaghmel persuna m'ghandhiex tkun ta' detriment ghall-Knisja. Isegwi li min ghamel id-delitt u kkawza dannu, irid ihallas hu u mhux il-Knisja. Madankollu jikkonferma li dawn ir-regoli Kanonistici huma ta' gurisdizzjoni parallela, u ma japplikawx ghall-Istat li fih ikun sar id-delitt.

"Jghid ukoll li l-MSSP biex jifthu dar ikollhom bzonn il-permess tieghu bhala Isqof, izda mhux biex jaghlquha, f'liema kaz semplicement javzawh bhala att ta' kortezija. Mistoqsi jekk il-Kurja tghinx finanzjarjament lil dawn l-istituzzjonijiet, l-Arcisqof jispjega li dan taghmlu mhux direttament, izda permezz tal-ftehim tal-1992, bejn ir-

Repubblika ta' Malta u s-Santa Sede, fejn id-diversi ordnijiet li ghandhom l-iskejjel, inkluz l-MSSP, jircievu l-fondi minghand l-Istat ghall-iskejjel taghhom. Izda l-MSSP tibqa' responsabbli ghall-gbir ta' fondi ghad-djar taghha, inkluz dik fejn izzomm it-tfal.

"Wara li din il-Qorti kkunsidrat estensivament l-istqarrija esebita in atti bhala Dok. KPA, kif ukoll ix-xhieda moghtija, partikolarment dik tal-Eccellenza Tieghu Arcisqof Emeritu Monsinjur Pawl Cremona, kif ukoll dik tal-Eccellenza Monsinjur Arcisqof Charles Scicluna, ssib li l-istqarrija esebita in atti ma tilhaqx ir-rekwiziti kollha elenkati qabel, sabiex jikkwalifikawha ghar-rikonoxximent, ghall-iskop tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Din il-Qorti tista' tasal li taqbel mas-sottomissjoni maghmula mill-atturi li l-istqarrija kienet wahda maghmula volontarjament, fis-sens li ma kienet mgieghla jew kostretta minn hadd, izda ma tilhaqx il-kriterji l-ohra qabel elenkati. Il-gurisprudenza tghallem illi gharfien tal-jedd mid-debitur irid ikun wiehed car u univoku. Fl-ebda waqt f'dik l-istqarrija ma nghad li l-Kurja qeghda taccetta r-responsabbilita ghall-akkadut fis-sens li hija debitrici fil-konfront tal-atturi jew li lesta li taghmel tajjeb ghan-nuqqas ta' Pulis u Scerri permezz ta' hlas ta' danni. Huwa ritenut li l-kollokwji jew konversazzjonijiet bejn l-atturi u l-Isqfijiet saru b'sens ta' rikonciljazzjoni, fl-istess spirtu ta' mahfra morali kwindi ma jammontawx ghal rikonoxximent tar-responsabbilita ghall-akkadut b'mod inekwivoku kif titlob il-gurisprudenza fir-rigward. Ghalhekk l-istess stqarrija u kollokwji ma jistghu qatt jitqiesu li nterrompew l-preskrizzjoni, jew inkella jigu interpretati bhala rinunzja da parti tal-Arcidjocesi konvenuta, ghall-preskrizzjoni li kienet iddekorriet favuriha kif isostnu l-atturi. (Ara sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet **Perit Arkitett Joseph Barbara vs Segretarju tal-War Damage Commission,** kif ukoll dik tal-Qorti tal-Appell Superjuri 30 ta' Mejju, 2003, fl-ismijiet **Domenic Department Stores Ltd. vs Malta Dairy Products Ltd**.)

"Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Isqifijiet qatt ma stqarrew il-jedd tal-atturi fil-konfront tal-Arcidjocesi ta' Malta. Kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet ta' dawn il-Qrati, l-gharfien u l-istqarrija tal-jedd tal-attur, sabiex isservi bhala raguni ghall-ksur ta' preskrizzjoni, trid tkun cara u mhux mahsuba jew implikata minn kliem jew eghmejjel vagi. (Ara sentenzi ta' din il-Qorti tad-29 ta' April, 1976, fl-ismijiet **Joseph Carabott et vs Lorenzo Decelis,** kif citata fis-sentenza **Raymond Grech et vs Stefan Borg** msemmija qabel.) Huwa ritenut li l-atturi nghataw widen u cans li jifthu qalbhom mal-oghla awtoritajiet tal-Knisja. L-istess Knisja talbet mahfra peress li hassitha moralment obbligata, kif ukoll offriet sostenn fil-forma ta' ghajnuna psikologika, bhala att ta' karita, izda qatt ma assumiet fuqha r-responsabbilta ghall-akkadut. Huwa minnu li l-Isqfijiet urew soghba ghall-akkadut, izda huwa ritenut li qatt ma rrikonoxxew responsabbiltà da parti tal-Arcidjocesi ta' Malta, b'mod inekwivoku li wiehed jista' b'xi mod jargumenta li estingwew l-effetti tal-preskrizzjoni, jew li rrinunzjaw ghaliha.

“Fir-rigward tax-xhieda ta’ Dr Anthony Dimech, psikjatra, Anthony Gatt, counselling psychologist u Julian Xuereb, social worker bhala membri tal-Bord ta’ Evalwazzjoni Terapewtika ghall-Vittmi minuri ta’ abbuz sesswali, li tressqet mill-atturi, mhux kontestat li dan il-Bord twaqqaf mill-Kurja Arciveskovili bhala ghajnuna ghall-vittmi ta’ abbuz sesswali, inkluz l-atturi f’din il-kawza. Madankollu din il-Qorti ma tqisx ix-xhieda moghtija minn dawn il-professjonisti bhala determinanti ghall-fini tal-eccezzjoni in ezami, jew ghar-rinunzja tal-preskrizzjoni, peress li mill-mandat moghti lil dawn il-professjonisti (Dok. JX1 a fol. 438 tal-process) jirrizulta car li:

> “7. L-Awtoritajiet tal-Knisja f’Malta qed joffru dan is-servizz lill-vittmi minuri ta’ abbuz sesswali bhala parti mill-missjoni pastorali u spiritwali li toffri l-Knisja u bla ebda pregudizzju ghall-posizzjoni tal-Knisja fil-processi civili li jistghu jinqalghu u minghajr ma jirrinunzjaw ghad-drittijiet ta’ difiza li huma legalment jinvokaw.

“Minkejja li dawn il-professjonisti kienu appuntati, u kienu jirrispondu lill-Kurja, kif ukoll thallsu tas-servizzi taghhom mill-Kurja, dan kollu jirrientra fl-ispjegazzjoni moghtija mill-Monsinjur Arcisqof Scicluna, fejn inghad minnu li dawn is-servizzi inghataw bhala parti mid-dover tal-Knisja li tghin lill-bniedem li qieghed ibati u dan b’karita. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib ebda raguni valida ghala ghandha twarrab din ix-xhieda. Kwindi din il-forma ta’ ghajnuna offerta lill-vittmi ta’ abbuz mhix ritenuta bhala rikonoxximent inkondizzjonat u volontarju t’ammissjoni ta’ responsabbilta jew li tista’ tigi meqjusa li tikkostitwixxi xi rinunzja tacita ghall-preskrizzjoni kif jippretendu l-atturi. Lanqas ix-xhieda ta’ Fr. Brandon Gatt ma hija ritenuta rilevanti ghall-fini tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jew ir-rinunzja taghha.

“Dak appena espost, japplika bl-istess mod ghax-xhieda ta’ Dun Frank Cini, ghall-MSSP, in kwantu assocjat ruhha mal-istqarrija tal-Kurja Arciveskovili meta moralment hassitha li ghandha titlob mahfra, liema mahfra ma jfissirx li l-MSSP accettat ir-responsabbilita ghall-akkadut li sservi ta’ rinunzja ghall-preskrizzjoni. Dan ifisser, li ladarba ma tressqet ebda prova ta’ dikjarazzjoni inekwivoka ta’ responsabbilita, da parti tal-istess socjeta, allura wiehed ma jistghax jinvoka r-rinunzja tal-preskrizzjoni lanqas fil-konfront tal-istess socjeta konvenuta.

“Mentri fil-kaz tad-Dipartimenti tal-Gvern, ma tressqet ebda prova, li tista’ b’xi mod tinwadra ruhha bhala gharfien tal-jedd tal-atturi fil-konfront taghhom, li tikser il-preskrizzjoni, kif jitlob l-artikolu 2133 tal-Kodici Civili. Kwindi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata tirrizulta gustifikata fil-konfront tal-konvenuti li ressquha bhala eccezzjoni, stante li l-atturi ma ntavolawx l-azzjoni taghhom fit-terminu prekritt mil-ligi u lanqas jirrizulta li kien hemm xi interruzzjoni jew rinunzja ta’ tali perjodu ta’ preskrizzjoni”.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Lawrence Grech, Joseph Magro, Leonard Camilleri, David Cassar, Angelo Spiteri, Raymond Azzopardi, Charles Falzon u Philip Cauchi u Joseph Mangion li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu lil din il-Qorti joghgobha:

> "..tirriforma s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sens li **TIKKONFERMA** fejn laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tad-Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol, u d-Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Ministeru ghall-Familja u Solidarjeta Socjali **TIRREVOKA** fejn laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront Socjeta` Missjunarja ta' San Pawl, Arcidjocesi ta' Malya konsegwentement tghaddi biex tichad l-istess bl-ispejjez kontra taghhom".

Rat ir-risposta tal-Arcidjocesi ta' Malta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti illi:

> "b'referenza ghall-Arcidjocesi ta' Malta konvenuta f'dawn l-atti kull azzjoni ta' culpa hija preskritta u l-ebda danni m'huma dovuti u li ghalhekk l-Appell odjern ghandu jigi michud u s-sentenza moghtija fit-23 ta' April, 2018 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellanti".

Rat ir-risposta tas-socjeta Misjunarj ta' San Pawl li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

> "tirrespingi l-aggravji kollha tal-appellanti biex b'hekk tigi ikkonfermata fl-interita` taghha s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' April fl-ismijiet premessi u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti".

Rat ir-risposta tal-avukat Dr Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li gew mahtura kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-eredi

prezunti tad-defunt Francesco sive Gowdin Scerri nominati b'digriet tat-8 ta' Mejju, 2019, li in forza taghha eccepew illi:

> "1. ILLI l-aggravji mressqa mill-appellanti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti.
>
> "2. ILLI fi kwalunkw kaz f'dan l-istadju l-esponenti qua kuraturi deputati mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta u/jew procedure ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati".

Rat li b'decizjoni datata 19 ta' Novembru, 2019, l-Imhallef Anthony Ellul laqa' talba tal-atturi ghar-rikuza tieghu u gie sostitwit bl-Imhallef Miriam Hayman;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza l-atturi qed jitolbu d-danni wara li gew abbuzati sesswalment miz-zewg konvenuti, Pulis u Scerri, patrijiet fis-socjeta` Missjunarja ta' San Pawl. Iz-zewg konvenuta kienu hekk instabu hatja b'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' Novembru, 2012. Kien wara dawn iz-zewg sentenzi li l-atturi fethu din il-kawza civili ghall-agir abbuziv li sofrew meta kienu ghadhom minuri. In linea preliminari, il-konvenuti l-ohra (cioe`, eskluz il-patrijiet konvenuti) eccepew li l-azzjoni

attrici hija preskritta b'gheluq it-terminu ta' sentejn skont l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

L-ewwel Qorti laqghet din l-eccezzjoni u illiberat mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenuti kollha, accetto l-konvenuti Pulis u Scerri. L-atturi appellaw mis-sentenza u jsostnu li bil-mahfra li l-Knisja f'Malta talbet ghall-abbuz li gie certifikat li sehh mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kien hemm interruzzjoni ta' kull terminu ta' preskrizzjoni.

Trattat l-appell, din il-Qorti wara li qrat u fliet is-sentenza tal-ewwel Qorti, u l-kritika li saritilha mill-atturi fir-rikors tal-appell taghhom, tara li fil-verita`, l-ewwel Qorti ghamlet analizi tal-fatti opprofondit u taqbel maghha fis-sens li ma tarax li l-mahfra li talbet il-Knista tista', b'xi mod, twassal ghal xi interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Il-Knisja f'Malta stqarret is-soghba profonda taghha ghal dak li gara lill-minuri li kien tahtu il-harsien taghha. Talbet mahfra ghal dak l-abbuz u l-Arcisqof wera t-tama biex jiltaqa' mal-vittmi biex jitlobhom din il-mahfra personalment, kif fil-fatt ghamel. Darba meqjus li t-terminu ta' preskrizzjoni kien ghadda, irid jintwera li saret ammissjoni tar-responsabbilita` wara l-iskadenza. Issa, fid-dotrina jinghad li dan ir-rikonoxximent jista' jkun implicitu, pero`, iridu jirrizultaw provi univoci u

cari li juru bla ebda dubju li dak li jkun ried jirrinunzja ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Din il-Qorti, fil-kawza **Abdilla v. Galea Crockford** deciza fis-26 ta' Gunju, 2009, ghamlet dawn l-osservazzjonijiet fir-rigward:

> "Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-imsemmi Artikolu 2133 tal-Kap. 16 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni tal-ezistenza tad-dritt, per ezempju, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-successjoni jew f'forma ta' entrata fl-*accounts*;
>
> "Jigi, inoltre, rilevat illi kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, tal-inekwivocita`, dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiziti, dawn, li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att.
>
> "Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandha l-kompitu li tiddeciedi *"iuxta allegata et probata"*. Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m'hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-pozizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, ikun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni. Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu.
>
> "L-accertament tal-ezistenza jew le ta' atti validament interruttivi tal-preskrizzjoni eccepita, jikkostitwixxi indagini ta' fatt rizervat ghall-apprezzament tat-tribunal adit".

L-indagini tal-fatt li ghamlet l-ewwel Qorti f'dan il-kaz hija, fil-fehma tal-Qorti, impekabbli u ma jirrizultawx motivazzjonijiet zbaljati jew fatti li juru li b'dik id-decizjoni saret xi ingustizzja, cirkostanzi li kienu jwasslu lil din

il-Qorti tbiddel l-analizi li ghamlet l-ewwel Qorti (ara **Farrugia et v. Farrugia et** deciz minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 2004).

Il-mahfra li talbet il-Knisja ma tinkwadrax fic-cirkostanzi li elenkat din il-Qorti fis-sentenza taghha li ghada kemm giet kwotata, u bl-ebda mod ma jista' jinghad li din il-mahfra timplika xi ammissjoni tal-ezistenza tad-dritt. Il-mahfra tfisser dak li tghid: skuza ghal dak li gara u soghba ghall-hsara. Fiha ma nsibux estrinsikati r-rekwiziti okkorrenti tal-esternazzjoni ta' dik il-volontarjeta`, konsapevolezza u inekwivocita` tar-rikonjozzjoni tal-kreditu`, biex din il-Qorti tuza' kliem li din il-Qorti, Sede Inferjuri, uzat fil-kawza **Float Glass Limited v. Market Handle Limited**, deciza fid-29 ta' Ottubru, 2014. F'dan l-ahhar kaz, gie deciz li hrug ta' cekkijiet juru ammissjoni ta' dejn u dan hu tradott fl-interruzzjoni tal-preskrizzjoni opposta. Fil-kaz odjern, pero`, ma hemmx cirkostanza hekk cara u inekwivoka li turi l-volontarjeta` tal-interruzzjoni. Tali ammissjoni tista' tkun indiretta jew prezunta, izda trid tkun dedotta minn fatti konkludenti inkompatibbli mal-volonta` tal-preskriventi li jikkontesta l-ezistenza l-ezercizzju tad-dritt, li mhux il-kaz hawnhekk.

Il-mahfra hija espressjoni morali ta' soghba ghal dak li gara, izda ma hijiex assunzjoni ta' responsabbilita` jew rikonoxximent tad-debitu. Hekk, per ezempju, jekk waqt li persuna tkun qed issuq vettura b'mod normali, tasal biex ittajar tifel li hargilha jigri minn bejn zewg karozzi pparkjati, hu

mistenni li dak is-sewwieq jitlob mahfra u jghid "*sorry*" ghal dak li gara. Dan ma jfissirx li qed jirrikonoxxi li hu responsabbli ghall-akkadut, izda qed juri s-soghba ovvja tieghu ghall fatt li wegga' t-tifel. Anke hawn, l-Arcisqof wera' s-soghba tieghu ghall-ugiegh li sofrew il-vittmi tal-minuri, u ghall-fatt li dan sehh minn membru tal-Knisja, talab mahfra. Ma jfissirx li hu jassumi responsabbilita` ghal kull ma jaghmlu kull membru ekklezjastiku. Kull ma jsir minn xi kleriku jista' jitfa dawl ikrah fuq il-Knisja, izda dan ma jfissirx li l-Knisja hija responsabbli ghal kull ma jigri.

Hu veru wkoll li saru hafna diskussjonijiet bejn il-vittmi tal-abbuz u awtoritajiet ekklezastici. Dawn, pero`, ma jservux biex jiksru l-preskrizzjoni. Kif jghid il-Baudry-Lacantinerie (Trattato Teorico Prattico, Dto. Civ. pagna 393), "*dei semplice colloqui tra creditori e debitari non potrebbero evidentemente implicare il riconoscimento del debito*". Sakemm allura ma ssirx b'mod car li saret ammissjoni tal-kreditu, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi akkolta.

Kif inghad aktar qabel, l-allegat abbuz sar hafna snin ilu, izda l-atturi qaghdu jistennew biex jintemmu l-proceduri kriminali qabel ma agixxew ghad-danni. Id-dritt tal-azzjoni kien jezisti u setghu agixxew zgur meta saru maggorenni. Il-fatt li, forsi, ma kinux jafu li setghu jagixxu, ma jissospendix il-preskrizzjoni. Fil-kawza **Delia v. Testoferrata Abela**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' April, 1964, intqal, anke b'riferenza ghad-dotrina u gurisprudenza anterjuri, li persuna kapaci ma

tistax tinvoka l-inattivita` taghha bhala skuzanti biex jinterrompi l-preskrizzjoni:

> "…ghax fiz-zmien kollu utili ghall-preskrizzjoni sakemm dina immaturat il-kreditur ma kienx inkapaci u ghalhekk l-inattivita tieghu ma tista' torigina dritt li gie mitluf ghas-semplici fatt li ssaporaggungew cirkustanzi li kienu imprevedibbili fil-mument tal-estinzjoni tal-kreditu. "L'ignoranza del proprio diritto non e`annoverata fra le cause di sospensione della prescrizione' ed oggidi e` comunemente ritenuto che l'impotenza ad agire, che e` causa della sospensione della prescrizione comprende soltanto gli ostacoli legali che impediscono al proprietario of al curator di agire, e non gia ancora l'ignoranza dei propri diritti (Kollez XXIV, I, 388, I 151)". F'dawn il-kasi mhux lecitu lill-gudikant, li jissuppplixxi ghad-diffett tal-ligi, kriterju ta' arbitrarja ekwita, bl-applikazzjoni tal-antik adagio "non volenti agere, non currit prescriptio" (Giorgi, Obbligazjoni Vol V IV, parte III, Nri. 241-246. Laurent, Principio di Dto. Civ Vol XXXII No 43)".

Lanqas l-ghajnuna li l-Knisja offriet lill-vittma ma tista' sservi bhala xi forma ta' ammissjoni ta' responsabbilita` jew interuzzjoni ta' preskrizzjoni. Huwa rwol tal-Knisja Kattolika li tghin lil kull min hu batut jew imwegga', u b'dan il-mod ma tkunx qed tassumi responsabbilita` ghal dak l-ugiegh. Il-Caritas tghin hafna lil min ikun milqut b'self b'uzura jew bil-vizzju tad-droga, izda ma tkunx qed tassumi r-responsabbilita` ghall-istat tal-vittma. Din l-enfazi li saret fuq din l-ghajnuna hija, ghalhekk, ghall-kwantu fiergha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi, eskluz Noel Dimech, billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez, dawk in prima istanza, jithallsu kif ordnat l-ewwel Qorti, u dawk marbuta ma' din l-istanza jithallsu mill-atturi appellanti *in solidum*.

L-atti qed jigu rinvijati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Miriam Hayman<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb